**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 2 ta' April 2019**

**Avviz numru:- 14/2018JVC**

**Emanuel Cauchi u Rosina Cauchi**

**vs**

**Szilvia Sardi u Jozsef Janos Nagy**

Il-Qorti;

Rat l-avviz datat 22 ta' Novembru 2018 fejn ir-rikorrenti talbu li l-konvenuti jhallsu l-ammont ta' erbat elef, sitt mija, erbgha u hamsin euro u sitta u erbghin centezmu (€4,654.46) rapprezentati kwantu ghal tlett elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro (€3,825) arretrati ta' hlas ta' kera u kwantu ghall-bilanc ta' tmien mija u disgha u ghoxrin ewro u sitta u erbghin centezmu (€829.46) hlas ghal servizzi u konsum ta' dawl u ilma fuq il-fond (kopja tal-kont annessa u mmarkata bhala Dok. A) numru hamsa u erbghin (45), fi Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex, ai termini tal-iskrittura tal-hamsa (5) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017), hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B, kif ukoll id-danni kollha sofferti minnhom minhabba diversi hsarat ikkagunati lill-istess fond mill-intimati jew min minnhom qabel ivvakawh fl-ahhar ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018), kif jidher mir-ritratti annessi u mmarkati bhala Dok. C1 – C7, hekk kif jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-ittri ufficcjali kontra l-intimati (kopji annessi u mmarkati bhala Dok. D1, D2, E1 u E2) li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat illi għalkemm debitament notifikati l-konvenuti ma attendewx għas-smiegħ tal-kawża w'lanqas preżentaw risposta għall-istess skont il-liġi b'dana li huma legalment meqjusa kontumaċi.

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Marzu, 2019 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa u l-kawża ġiet differita għad-deċiżjoni għal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom mill-Qorti;

Rat l-atti u l-provi kollha fl-atti.

Rat li l-partijiet ma preżentaw l-ebda noti ta' sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawża li permezz tagħha l-atturi qed jitolbu mill-konvenuti l-ħlas ta' arretrati ta' kera flimkien ma' ammont dovut mill-konvenuti għas-servizz ta' dawl u ilma u danni sofferti konsegwenza tal-aġir tal-konvenuti fl-istess fond mikri lilhom mill-atturi.

Illi da parti tagħhom l-atturi sabiex jissostanzjaw il-pretensjonijiet tagħhom preżentaw il-provi segwenti:

1. Kopja tal-kontijiet tas-servizz tad-dawl u ilma relattiv għall-fond mikri in kwistjoni (fol. 5 et seq);

2. Kopja tal-iskrittura ta' kera datata 5 ta' Ġunju, 2017 fejn fih tinsab dettaljata l-kera dovuta mill-konvenuti lill-atturi kif ukoll li l-ispejjeż tas-servizzi għandhom ikunu a kariku tal-kerrejja (fol. 7 et seq);

3. Ittri uffiċjali nterpellatorji (fol. 16 et seq);

4. Affidavit ta' Rosina Cauchi bid-dokumenti annessi (fol. 32 et seq) fejn a fol. 32 ikkonfermat bil-ġurament tagħha li t-total dovut mill-konvenuti lill-atturi, inkluż id-danni sofferti li ġew dettaljati minnha

fl-istess affidavit sopportati minn dokumenti, huwa fis-somma ta' tmint elef, seba' mija u disgha u disghin Euro u erbatax-il-centezmu (€8,799.14). L-istess jikkonferma fl-affidavit (fol. 44 et seq) tieghu l-attur Emanul Cauchi a fol. 46 tal-process.

Illi mill-provi kollha mressqa fl-atti jirrizulta li l-pretensjonijiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti u cioe':

(i) Is-somma ta' tmien mija u disgha u ghoxrin Euro u sitta u erbghin centezmu (€829.46) ghall-konsum tad-dawl u ilma;

(ii) Is-somma ta' tlett elef u hamsa u sebghin Euro (€3,075) bilanc dovut ta' kera;

(iii) Is-somma ta' elf, seba' mija u disa' Euro u disgha u hamsin centezmu (€1,709.59) spejjez dwar permessi u licenzji;

(iv) Is-somma ta' tlett elef, mija u hamsa u tmenin Euro u disa' centezmi (€3,185.09) xoghlijiet li kellhom isiru mill-atturi sabiex il-hanut ingab fl-istat li kien qabel inkera;

anki f'nuqqas ta' oppozizzjoni fl-atti da parti tal-konvenuti huma gustifikati u sufficjentement pruvati w'ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi.

**Decizjoni:**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi:**

**(i) Is-somma ta' erbat elef, sitt mija, erbgha u hamsin euro u sitta u erbghin centezmu (€4,654.46) rapprezentati kwantu ghal tlett elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro (€3,825) arretrati ta' hlas ta' kera u kwantu ghall-bilanc ta' tmien mija u disgha u ghoxrin**

ewro u sitta u erbghin centezmu (€829.46) hlas ghal servizzi u konsum ta' dawl u ilma fuq il-fond;

(ii) Is-somma kollha ta' danni likwidati sofferti mill-atturi, oltre l-ammonti suesposti, dovuti mill-konvenuti lill-atturi fl-ammont ta' erbat elef, tmien mija u erbgha u disghin Euro u tmienja u sittin centezmu (€4,894.68);

(iii) L-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv fuq is-somma globali ta' tmint elef, seba' mija u disgha u disghin Euro u erbatax-il centezmu (€8,799.14) dovuta mill-konvenuti lill-atturi.

**Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.**

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur